MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 261/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Chrisopher Pullicino)**

**Vs**
Gary Wingfield

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) nhar it-12 t'Awissu, 2002, f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Mazda b'numru ta' registrazzjoni TFA-214 liema serq huwa kkwalifikat bin-natura tal-oggett misruq u sar ghad-detriment ta' Frank Cini minn Ghawdex;**
**2) u aktar talli kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 7 ta'**

**Dicembru, 2000, fejn hu kien misjub hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 261, 271(g), 280, 279 tal-Kap. 9, l-Artikolu 23 tal-Kap. 446, sabet lill-imputat hati skond l-akkuza w ikkundannatu perjodu ta' tmintax il-xahar prigunerija w irrakomandat bil-qawwa lill-awtoritajiet tal-Facilita Korrettiva tal-Habs li l-imputat jibda mill-aktar fis programm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga w li waqt il-perjodu ta' disintoksifikazzjoni kontra d-droga jew l-alkohol jekk dan ikun mehtieg, l-imputat jigi rikoverat fl-isptar Monte Carmeli.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Novembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tiriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza fil-parti dispozittiva taghha fejn kien hemm sejbien ta' htija, tirrevoka l-istess sentenza f'dik il-parti rigwardanti l-piena billi minflok piena ta' prigunerija ghal tmintax-il xahar (18) tikkundanna lill-appellant ghall-piena izjed indikata sabiex l-appellant jinghata l-opportunita' li jirriforma ruhu skond ma din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun l-aktar xieraq u opportun fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Chris Pullicino li minnha rrizulta li l-Ewwel Qorti kienet tat hafna zmien lill-appellant biex isib xoghol u rriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga imma dan kollu ghal xejn.
Li l-istess social worker Josette Camilleri kienet stqarret li l-kaz tal-appellant kien wiehed "hopeless".

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat :

**Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. F' kull kaz il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)**

Il-Qorti fliet l-aggravji kollha dedotti mill-appellant biex huwa jinghata piena ohra diversa minn dik erogata mill-Ewwel Qorti izda thoss li r-ragunijiet migjuba fir-rikors tal-appell b'ebda mod ma jwassluha biex tvarja d-diskrezzjoni fl-ghoti tal-piena ezercitata mill-Ewwel Qorti u tikkondividi pjenament dak li qalet l-Ewwel Qorti li ma hemm ebda alternattiva viabbli hlief dik tal-piena karcerarja biex forsi l-appellant jirnexxielu jirriabilita' ruhu.

Illi wkoll din il-Qorti thoss li meta persuna tkun inghatat xi beneficcju kif kontemplat fil-Kap. 152 jew 446 tal-Ligijiet ta' Malta w fit-terminu ta' dak il-beneficcju terga tikkommetti reat iehor, il-Qrati ghandhom jiehdu veduta serja ta' dan il-ksur u ma jkunux propensi li jergghu japplikaw provvedimenti ta' l-istess xorta li ovvjament ma jkunux hadmu fil-kaz tal-persuna koncernata, kif jidher li gara f'dan il-kaz meta minkejja li huwa kien tpogga taht probation ghal zmien sentejn b'sentenza tas-7 ta' Dicembru, 2000 rega' kkommetta reat ta' serq fil-perjodu li suppost kien qieghed taht probation.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata w tirreitera r-rakkommandazzjoni tal-Ewwel Qorti lill-awtoritajiet tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li l-appellant jibda mill-aktar fis programm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga w li jekk dan ikun mehtieg anki jigi rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------